

EEA Briefing

It-Trasport u l-ambjent fl-Ewropa

Volumi tat-trasport dejjem jikbru qegħdin iwasslu għal pressjoni miżjuda fuq l-ambjent speċjalment fir-rigward tal-bidla fil-klima u tat-telf tad-diversità bijoloġika. Sforzi preżenti sabiex dawn ix-xejriet jiġu kkompensati qegħdin biss inaqqsu r-rata taż-żieda tagħhom.

Fuq nota pożittiva, titjib teknoloġiku qiegħed iwassal għal tnaqqis fit-tniġġis ta' l-arja minn trasport tat-triq minkejja t-tkabbir fil-volumi tat-traffiku. Madankollu, huwa meħtieġ iktar sabiex tissolva l-problema tat-tniġġis ta' l-arja urbana.

Dan il-briefing iħares lejn żviluppi fil-bidu tas-snin disgħin sa kmieni fis-snin elfejn.

Xejriet fis-settur tat-trasport

Il-volumi tat-trasport għadhom qegħdin jiżiedu

Id-distakk tat-tkabbir tat-trasport mit-tkabbir ekonomiku kien għan prinċipali tal-politika tat-trasport ta' l-UE għal diversi snin iżda għad irid jintlaħaq. Il-Volumi tat-trasport fl-UE kibru b'mod regolari b'madwar l-istess rata bħall-ekonomija jew iktar: kważi 20 % għat-trasport tal-passiġġieri u madwar 30 % għat-trasport tal-merkanzija.

It-Trasport tat-toroq u ta' l-ajru qiegħed jikber iktar malajr minn mezzji oħra

Mira prinċipali oħra tal-politika tat-trasport ta' l-UE hija li, sa l-2010, jiġu stabbiliti l-ishma modali għal-livelli ta' l-1998.

Madankollu, it-tkabbir tat-trasport fis-snin disgħin kien dominat minn trasport bit-triq u bl-ajru, waqt li mezzji oħra bħal trasport bil-ferrovija, b'karrozzi tal-linja

u trasport tul kanali ġewwiena x'aktarx staġnaw jew anke naqsu. It-trasport bl-ajru kien il-mezz li kiber l-iktar malajr bi tkabbir annwali ta' 5 % jew iktar.

L-Infrastruttura tat-trasport tibqa' tespandi

Tul l-aħħar għaxar snin, in-network tal-motorways żdied b'iktar minn 12 000 km fl-Istati Membri l-antiki u b'madwar 1 000 km fil-ġodda.

Investimenti fin-Network tat-Trasport Trans Ewropew fl-UE iffukaw l-iktar fuq li jimtela l-vojt tul il-fruntieri f' networks ta' ferroviji u ta' toroq ta' veloċità għolja, bil-programm tat-toroq li mexxa sew quddiem dak tal-ferroviji.

B'riżultat, it-tul totali tal-highways kiber malajr, waqt li l-estent ta' l-infrastruttura konvenzjonali ta' ferroviji u kanali ġewwiena naqas bil-mod.

L-Istrutturi ta' prezzijiet in ġenerali ma jappoġġawx il-miri tal-politika tat-trasport ta' l-UE

Kien hemm progress bil-mod fir-ristrutturazzjoni ta' piżijiet ta' trasport lejn internalizzazzjoni aħjar ta' spejjeż esterni, li jgħin għat-tnaqqis tad-domanda ġenerali għal trasport u għall-infrastruttura tat-trasport, u wkoll għall-ottimizzazzjoni tal-qasma modali.

Per eżempju, il-prezzijiet jibqgħu jiffavorixxu l-karrozza privata minflok it-trasport pubbliku. L-ispiża totali għal trasport bil-karrozza, li tkopri kemm spejjeż tax-xiri kif ukoll spejjeż operazzjonali, baqgħet stabbli waqt li spejjeż għal mezzji oħra żdiedu. Dan jimplika li l-mobilità qiegħda tonqos għal dawk mingħajr aċċess għal karrozza.

Qegħdin jiġu stabbiliti Regolamenti sabiex tiġi rkuprata parti mill-ispejjeż infrastrutturali għal trasport bil-ferrovija u bit-triq, u hemm sejħiet dejjem jiżiedu għall-introduzzjoni ta' taxa fuq il-fjuwil fuq titjiriet ġewwa l-UE.



Xejriet ambjentali

Jonqsu l-emissjonijiet ta' kontaminanti ta' ħsara

Kien hemm waqgħa sostanzjali fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jikkontaminaw u ta' ħsara minn vetturi tat-triq. Din il-waqgħa tista' tiġi attribwita għall-istandards ta' emissjoni ta' l-UE għal vetturi tat-triq, li saru suċċessivament iktar stretti mill-bidu tas-snin disgħin, proċess illi għadu għaddej. L-Emissjonijiet ta' sustanzi li jikkontaminaw u li huma rregolati naqsu b' 24 % sa 35 % (l-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu mhumiex inklużi).

Madankollu, minkejja t-tnaqqis ta' tniġġis ta' l-arja minn trasport fit-toroq, għad baqa' problemi serji fil-kwalità ta' l-arja f'żoni urbani. Huma meħtieġa inizjattivi ulterjuri għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni ta' persuni għal sustanzi li jikkontaminaw u li jeffettwaw is-saħħa.

Li jiġi assigurat li ċikli tat-test jirriflettu kondizzjonijiet reali tas-sewqan inkluż iċ-chip tuning ta' karrozzi bid-diżil, jista' jkun importanti daqs standards iktar stretti għal vetturi tat-triq.

Standards ta' emissjonijiet se jiġu introdotti l-ewwel għal lokomottivi u għal bastimenti ta' fuq kanali ġewwiena mill-2005 'l quddiem. Standards internazzjonali għal emissjonijiet minn inġenji ta' l-ajru eżistew għal ħafna snin,

u saru iktar stretti fis-snin disgħin. Madankollu, dawn l-istandards jieħdu kont biss ta' emissjonijiet fil-u madwar ajruporti; emissjonijiet waqt l-ivvjaġġar fl-għoli, li jikkontribwixxu għal global warming, mhumiex ikkunsidrati.

Jiżdiedu l-gassijiet li jżidu t-tiħin ta' l-atmosfera

Karrozzi tal-passiġġieri saru iktar effiċjenti. Madankollu t-tnaqqis li jirriżulta f'emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ minn karrozzi kien issuperat konsiderevolment miż-żieda fit-trasport. Ir-riżultat huwa żieda netta ta' madwar 20 % f'emissjonijiet ta' CO₂ minn trasport fit-triq.

L-impenni preżenti mill-industrija tal-karrozzi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO₂ minn karrozzi jskadu fl-2008/2009. Hemm għalhekk ħtieġa li jiġi kkjarifikat ir-regime fil-ġejjieni f'dan il-qasam, sabiex il-qasam ta' applikazzjoni jikber sabiex ikopri vannijiet u jiġi assigurat li ċ-ċikli tat-test jirriflettu kondizzjonijiet reali fid-dinja tas-sewqan u l-użu ta' tagħmir bħal kondizzjonaturi ta' l-arja.

L-Avjazzjoni hija wkoll kontributtriċi importanti u li dejjem qiegħda tikber għal emissjonijiet ta' CO₂. Bit-trasport ta' l-ajru li qiegħed jikber malajr, l-impatti tiegħu fuq il-klima dalwaqt jeċċedu lil dawk ta' vetturi tal-passiġġieri, u sa l-2030 huwa previst li l-impatt

ikun id-doppju. Flimkien mat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni mhijiex rregolata taħt il-Protokoll ta' Kyoto.

Tiżdied il-pessjoni fuq il-habitats

L-Infrastruttura tat-trasport tqiegħed pressjoni fuq habitats u bijodiversità permezz ta' l-użu dirett ta' disturbi fuq l-art, ta' storbju u tad-dawl, it-tniġġis ta' l-arja u l-frammentazzjoni ta' paesaġġi. Hekk kif l-infrastruttura tat-trasport tespandi, iktar u iktar żoni naturali speċifiċi jaqgħu taħt pressjoni. Fuq medja, madwar nofs iż-żoni indikati fl-Ewropa huma diġà effettwati mit-trasport. Hemm differenzi reġjonali kbar relatati mill-qrib ma' varjazzjonijiet fid-densità tal-popolazzjoni, iżda t-trasport qiegħed ikollu impatt serju anke f'żoni remoti fir-reġjun ta' l-Artiku.

Referenzi

Għaxar kwistjonijiet prinċipali dwar it-trasport u dwar l-ambjent għal persuni responsabbli mid-deċiżjonijiet, Rapport ta' l-EEA Nru 3/2004, l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, Kopenhaġen, 2004.

l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenhaġen K
Id-Danimarka

Tel: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: www.eea.eu.int
Mistoqsijiet: www.eea.eu.int/enquiries

